- *allegat ksur ta' smigħ waqt proċeduri kriminali*
- *disponibilita` ta' rimedji ordinarji*
- *ksur ta' smigħ xieraq jittieħed fil-kuntest tal-proċess kollu*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 2 ta' Diċembru, 2021.**

**Rikors Nru. 92/2018 GM**

**George Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' George Degiorgio (detentur tal-karta` tal-identita` bin-numru: 164963 (M)) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Nhar il-5 ta' Diċembru, 2017 l-esponenti, flimkien ma' ħuħ Alfred Digiorgio u ċertu Vincent Muscat, ġie mressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja akkużat b'diversi reati,

fost liema, talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolożament bil-ħsieb illi joqtol lill-persuna u cjoe` lil Daphne Caruana Galizia jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt;

Mix-xhieda mogħtija mill-uffiċjal prosekutur l-Ispettur Keith Arnaud fl-atti tal-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija, l-esponenti tressaq fuq is-suppożizzjoni illi nhar is-16 ta' Ottubru 2017 huwa kien jidher fuq filmat elevat minn Transport Malta li kien fuq dgħajsa bl-isem "Maya" ħiereġ mill-Port il-Kbir f' ċertu ħin u dieħel lura f'ħin ieħor;

Illi l-istess uffiċjal prosekutur l-Ispettur Keith Arnaud xehed ukoll illi nhar it-23 ta' Novembru 2017 iffilmjaw lill-esponenti fuq id-dgħajsa bl-isem "Maia" dieħel lura fil-Port il-Kbir u dakinhar inġabar il-filmat ta' Transport Matta tal-Port il-Kbir;

Fl-istess kumpilazzjoni waqt l-udjenza miżmuma nhar l-1 ta' Frar 2018 xehed is-Surġent 1152 Manwel Saliba fis-sens illi huwa ra l-filmat elevat minn Transport Malta ta' nhar is-l6 ta' Ottubru 2017 fejn huwa ra dgħajsa bl-isem "Maia" ħierġa mill-Port il-Kbir f' ċertu ħin u dieħla lura f'ħin ieħor;

Illi waqt il-kontro-eżami illi sar lill-istess Surġent 1152 Manwel Saliba huwa kkonferma illi mill-imsemmi filmat ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2017 mir-ritratti illi ttieħdu mill-istess huwa ma setax ikun konvint b'ċertezza morali illi d-dgħajsa li tidher fuq l-istess hija effettivament id-dgħajsa bl-isem "Maia";

Waqt l-aħħar udjenza miżmuma nhar it-3 ta' Settembru 2018 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ġie ivverbalizzat dan illi ġej: Il-Prosekuzzjoni qed titlob li ssir komparazzjoni bejn żewġ filmati preżentati wieħed mill-Espert Keith Cutajar bħala Dok KC2 u l-ieħor mis-Surġent Emanuel Saliba fix-xhieda tiegħu a folio 564 bħala Dok MS3 folio 579, u senjatament sabiex issir komparazzjoni bejn id-dgħajsa li tidher fuq id-dokument Dok MS3 bl-isem Maya, mal-filmat li ttieħed minn Transport Malta fid-data tal-allegat reat u dan wara li ġie irtirat mill-istess Espert Keith Cutajar. Il-Qorti tilqa' t-talba u tinnomina lill-Espert Keith Cutajar biex flimkien mal-Espert il-Kaptan Ruben Lanfranco, jagħmel dak mitlub f'dan il-verbal, b'dan illi għandhom jiġu identifikati wkoll id-dgħajjes kollha li ħarġu u daħlu u dan fil-ħinijiet ta' bejn is-2.30pm u t-3.30pm tal-ġurnata tas-16 ta' Ottubru, 2017;

L-esponenti jsostni illi l-imġieba tal-prosekuzzjoni, it-talba tal-prosekuzzjoni hawn fuq ċitata u l-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja laqgħet it-talba fit-termini msemmija wkoll hawn fuq jilledu l-jedd fundamentali għal smigħ xieraq tal-esponenti kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenżjoni

Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fi-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi, fost raġunijiet oħra, l-esponenti tressaq fuq il-pretest jew suppożizzjoni illi huwa kien jinstab fuq dgħajsa partikolari meta huwa evidenti li l-prosekuzzjoni mhux talli ma kellhiex provi li l-esponenti kien jinstab fuq dgħajsa partikolari iżda lanqas kellhom provi li kienet dgħajsa partikolari li dehret fuq il-filmat elevat, dan ma huwiex każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja kellha taħtar perit tekniku jew periti tekniċi billi f' dan il-każ ma tinħtieġx ħila jew sengħa speċjali billi hawn si tratta ta' dgħajsa illi ma tingħarafx u inoltre u mingħajr preġudizzju, it-termini tal-inkarigu mitlub u kif mogħtija minn tali Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ma huma xejn, anke fid-dawl tax-xhieda mogħtija mill-uffiċjal prosekutur u mill-media coveroge estensiv tal-istess, ħlief domanda suġġestiva sabiex l-esperti jikkonfermaw il-pretest illi fuqu ġie arrestat l-esponenti;

L-esponenti jgħid illi l-imġieba u t-talba tal-prosekuzzjoni li saret issa madwar għaxar (10) xhur wara illi tressaq b'arrest fuq suppożizzjoni mingħajr l-ebda prova ma hija xejn ħlief attentat għal frame up fil-konfront tiegħu;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet oħra, billi tordna illi d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja matul is-seduta ta' nhar it-3 ta' Settembru 2018 jiġi mħassar u revokat;

Rat ir-Risposta **tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija** li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Din il-kawża hija waħda prematura u intempestiva għall-aħħar u li għalhekk fil-fehma tal-esponenti dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjaraha bħala tali. Illi jidher li fit-3 ta` Settembru 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti Istruttorja) innominat lill-esperti Keith Cutajar u l-Kaptan Ruben Lanfranco sabiex flimkien jagħmlu komparazzjoni tal-filmati li ġew esebiti senjatament bejn id-dgħajsa li tidher fuq id-dokument Dok MS3 bl-isem "Maya" mal-filmat li ittieħed minn Transport Malta fid-data tal-allegat reat b`dan li għandhom ukoll jidentifikaw id-dgħajjes kollha li ħarġu u daħlu bejn is-2.30pm u t-3.30pm tal-ġurnata tas-16 ta` Ottubru 2017. Dawn l-esperti għadhom ma espletawx l-inkarigu mogħti lilhom u għalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrent wasal minn issa għal-konkluzzjoni li dak li ser jirriżultalhom l-esperti ser jippregudikawħ b`tali mod li d-dritt għal-smigħ xieraq gie vjolat.

2. In kwantu għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre` meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi.

Sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, irid jiġi eżaminat il-proċess kollu fit-totalita' tiegħu. Illi kif jirriżulta mir-rikors promotur, il-proċeduri penali in konfront tar-rikorrent jinsabu fl-istadju ta' kumpilazzjoni. Illi huwa paċifiku li sabiex tkun tista' tiġi deċiża allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq hu meħtieġ illi jsir apprezzament tal-proċess kriminali fl-interezza tiegħu. Dan jagħmel sens perfettament b'referenża għall-każ odjern fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa li allegatament huwa tressaq il-Qorti fuq prova li ma ġietx ippruvata mill-prosekuzzjoni.

Ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, għadu mhux magħruf kif u x'valur fil-każ ta' sejbien ta' ħtija ser jingħataw il-filmati mertu ta` din il-kawża u huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo* jiġi diskuss f'dan l-istadju *in vacuo*.

Il-prova tal-filmati li ġew elevati mill-puliżija li juru d-dgħajsa bl-isem "Maya" m`għandha qatt tiġi iżolata mill-kumplament tal-provi miġbura fil-kumpilazzjoni. Ma huwa minnu xejn li r-rikorrent tressaq il-Qorti fuq is-suppożizzjoni illi nhar is-16 ta` Ottubru 2017 hu kien jidher fuq filmat elevat minn Transport Malta li kien fuq dagħjsa bl-isem (Maya) ħiereġ mill-Port il-Kbir. Bid-dovut rispett, l-esponenti jisħqu li jekk ir-rikorrent qiegħed jaħseb li ġie akkużat abbażi ta` din il-prova biss, huwa żbaljat bl-ikraħ.

Ir-rikorrent ġie akkużat bl-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia abbażi ta` diversi provi li qed jinġabru fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti Istruttorja) liema provi jippuntaw subgħajhom lejn ir-rikorrenti.

3. Il-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita` tal-każijiet, jidħol biss fi kwistjonijiet dwar (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenża tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

Sabiex jiġu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Ġenerali* deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konkluzjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).

Dan attiż, għandu jirriżulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawża ma jaqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti qiegħed jibbaża l-azzjoni fuq il-mertu li jiffurmaw il-proċeduri penali fil-konfront tiegħu fis-sens li qiegħed jippretendi li dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi hija kwistjonijiet dwar apprezzament ta' provi li jispetta lill-qrati penali. Illi ċertament li mhuwiex il-kompitu ta' dina l-Onorabbli Qorti li tidħol f'tali kunsiderazzjonijiet u dan stante li l-

funzjoni tagħha ai termini tal-protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fdati f'idejha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja fl-ambitu tad-dritt ta' smigħ xieraq mhuwiex li tiddeċiedi hija jekk kellux jinħatar espert jew jekk għamlitx tajjeb il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (bħala Qorti Istruttorja) meta ordnat il-ħatra ta' esperti iżda xogħolha huwa li tara li l-partijiet fil-litigju qegħdin jingħataw l-opportunita' li jsemmgħu leħinhom b'mod ugwali madankollu l-fatt li xi deċiżjoni li tista' tieħu dik il-qorti li ma togħgobx parti ma jfissirx li tali deċiżjoni tista' tintuża bħala bażi għall-kawża ta' natura straordinarja bħal ma hija dina l-kawża iżda tali punti jigu dibattuti quddiem il-forum appożitu u ċioe' quddiem il-qrati penali stante li dina l-Onorabbli Qorti hija prekluża milli tidħol fihom meta tkun qiegħda tiddeċiedi kwistjonijiet ta' allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.

4. L-esponenti jirrilevaw ukoll li l-prova li qed jattakka r-rikorrent b`dawn il-proċeduri bl-ebda mod ma hi se tippreġudika d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq dan anke għaliex waqt il-ġuri hu se jkollu kull opportunita` u l-għodod kollha li tippermetti l-liġi sabiex jiddefendi l-posizzjoni tiegħu. Sa dan l-istadju tal-proċeduri kriminali ma ġiet determinata l-ebda akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrent u l-oneru tal-prova jispetta dejjem lil prosekuzzjoni.

Il-prosekuzzjoni għandha d-dmirijiet tagħha, u fuq quddiem nett hemm dak li tmexxi l-proċess b'mod li l-aktar iwassal biex tinkixef il-verita`, sew jekk favur u sew jekk kontra l-akkużat u m`hemm l-ebda dubju li t-talba sabiex jinħatar espert taqa' taħt dan l-obbligu u dmir. Il-jedd li għandu ir-rikorrent hu illi, jekk jidhirlu, jagħmel kontro-eżamijiet neċessarji lill-esperti maħtura mill-Qorti bħal ma jista' jagħmel kontro-eżami tax-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.

Għalhekk ċertament li n-nomina tal-esperti u l-imġieba tal-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma jilledu d-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti. Isegwi għalhekk li t-talbiet u l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti.

Semgħet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi r-rikorrent ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu mogħti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati.

Ikkunsidrat:

L-ilment tar-rikorrent jistrieħ fuq dawn il-premessi:

L-ewwel: li r-rikorrent tressaq il-Qorti fuq il-pretest jew suppożizzjoni li kien jinstab fuq dgħajsa partikolari meta huwa evidenti li l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda prova bħal din. Lanqas kellha provi li d-dgħajsa partikolari kienet dik li tidher fil-filmat li ttieħed dakinhar tal-qtil *de quo*.

It-tieni: il-Qorti ma kellhiex ħtieġa biex jinħatar perit sabiex tiġi identifikata d-dgħajsa għax din ma tinħtieġx sengħa speċjali biex tintgħaraf.

It-tielet: l-inkariku ma huwa xejn għajr domanda suġġestiva biex l-esperti jikkonfermaw il-pretest li fuqu ġie arrestat ir-rikorrent.

Ir-raba’: it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħatra tal-esperti fuq supposizzjoni bla ebda prova ma hija xejn ħlief attentat għal *frame up* fil-konfront tiegħu.

Huwa jallega li dawn il-iżviluppi kisru d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

Fl-eżerċizzju kostituzzjonali tagħha dwar allegat ksur ta’ smigħ xieraq, din il-Qorti tidħol biss meta:

(1) ma jkunx hemm tribunal indipendenti u mparzjali
(2) jkun hemm dewmien bla bżonn
(3) jkun hemm nuqqas t’aċċess għall-Qorti
(4) smigħ jissokta fl-assenza ta’ parti fil-kawża
(5) ma jkunx hemm *equality of arms*
(6) jkun hemm ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem*
(7) sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

Kjarament, l-ilmenti tar-rikorrent ma jinkwadraw fl-ebda waħda minn dawn l-ipotesi. Dak li r-rikorrent qiegħed verament jitlob hu li din il-Qorti tiddeċiedi kwistjonijiet dwar ir-regolament u l-apprezzament tal-provi li jispetta lill-Qrati penali. Iżda din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza biex tintralċja ruħha fi proċeduri penali b'dan il-mod. Għalhekk lanqas sejra tippronunzja ruħha dwar jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jirriżultawx jew le bħala fatt; għaliex jekk tagħmel hekk ikun hemm il-periklu li tippreġudika l-proċeduri kriminali. Dan jista' jkun ta' detriment kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża.

Anke kieku l-ilment tar-rikorrent kien jinkwadra ruħu fil-parametri ta' skur ta' smigħ xieraq, xorta waħda kien ikun hemm ostakli oħrajn għall-ilqugħ tat-talbiet tiegħu.

L-ewwel: Il-proċedura kriminali tagħti għadd ta' mezzi idonei biex l-akkużat ikun jista' jiddefendi ruħu fil-konfront tal-provi *o meno* mressqa mill-prosekuzzjoni; mezzi li r-rikorrent għadu f'qagħda li jutilizza, għaliex il-proċess kriminali għadu ma ntemmx; anzi għadu fi stadju bikri. Galadarba għad hemm dawn **il-mezzi disponibbli taħt il-liġi ordinarja**, din il-Qorti għandha diskrezzjoni jekk tikkunsidrax ilment dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali[1]. Diskrezzjoni li din il-Qorti hija propensa li teżerċita fin-negattiv, għax il-liġi trid li proċeduri bħal dawn isiru biss f'każijiet eċċezzjonali meta jkun hemm tabilħaqq bżonnhom minħabba li ma jkunx hemm disponibbli rimedji ordinarji adekwati, u mhux jinfetħu bl-addoċċ b'mod li jokkupaw ħin prezzjuz li dawn il-Qrati jistgħu jużaw biex jisimgħu kawżi oħra. Altrimenti jkun hemm it-trivjalizzazzjoni tal-proċedura speċjali meta jiġi allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem.

[1] Art.46(2) tal-Kostituzzjoni

It-tieni: Hija ġurisprudenza kostanti kemm f'Malta kif ukoll tal-Qorti ta' Strasburgu li, bħala regola ġenerali, l-eżami jekk ikunx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi **jittieħed qies tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom.** Għalhekk normalment dan ix-xorta ta' lment għandu jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel[2]. Jista' jsir qabel eċċezzjonalment biss, ċjoe` meta jiġri illi episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-qorti tistenna sakemm jintemm il-każ. Hekk ikun il-każ, per eżempju, fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija[3]. Il-każ preżenti ma jaqax taħt din il-kategorija eċċezzjonali. Jirriżulta mid-depożizzjoni tas-Superintendent Keith Arnaud li l-prova tad-dgħajsa mhix l-unika prova determinanti li wasslet lill-pulizija biex tarresta u takkuża lir-rikorrent bl-omiċidju fuq imsemmi, imma hija biss waħda fost ħafna oħrajn.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[2] David sive David Norbert Schembri v Avukat Generali 25.02.2011 Qorti Kostituzzjonali; Repubblika ta' Malta v Carmel Camilleri 22.02.2013 Qorti Kostituzzjonali; Pulizija v Dr Melvyn Mifsud 26.04.2013 Qorti Kostituzzjonali (wara riferenza)

[3] Il-Pulizija v. Alvin Privitera